MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 8/2011

Helmut Schernig

vs

Joseph Borg

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-28 ta’ April 2011, li jaqra hekk :-

‘Li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf u tmienja u disghin ewro (€1098) rapprezentanti danni subiti mill-attur kawza tal-incident li sehh nhar il-15 ta’ Lulju 2009, fejn il-konvenut aggredixxa lill-attur u kkawzalu griehi ta’ natura hafifa u per konsegwenza kkagunalu danni fizici u materjali fl-imsemmi ammont, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ sitt mija u hdax-il ewro u erbghin centezmi (€611.40) ghal servizzi professjonali rezi mid-dentist Dr. Joseph Xuereb, in kwantu ghas-somma ta’ tmienja u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmi (€38.85)

prezz ta' medicini, in kwantu ghas-somma ta' mija u tnejn u hamsin ewro u sebgha u sebghin centezmi (€152.77) prezz ta' nuccali, u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin ewro (€295) ghal servizzi legali rezi in konnessjoni mal-proceduri kriminali istitwiti kontra l-konvenut, liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie nterpellat sabiex jaghmel dan ;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 397/2010, u bl-interessi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fid-19 ta' Mejju 2011, eccepixxa :-

'1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-esponenti ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-incident *de quo* ;

2. Illi fi kwalunkwe' kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ispejjez pretizi huma esagerati ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw oralment il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Il-kaz prezenti fejn l-attur qed jitlob ir-rizarciment tad-danni hu l-konsegwenza ta' delitt veru u proprju allegatament kommess mill-konvenut *di fronte* ghall-istess attur u fejn dan irriporta lezjonijiet personali ta' natura pjuttost hafifa ;

Il-verzjoni ta' l-attur (fol. 38 u 39) ta' dak li ssuccieda u tal-griehi riportati minnu qed tigi hawn rijassunta :

(i) Fil-15 ta' Lulju 2009, sbieh kmieni filghodu waqt li l-konvenut kien sejjer flimkien ma' huh Michael fuq il-bahar jistadu ghal hut bid-dghajsa taghhom, huma ltaqghu mal-konvenut fi Triq Il-Port, Marsalforn, qrib il-Menqa fejn ikun hemm irmiggjati d-dghajjes tas-sajjieda, li dak il-hin ghadda kumment sarkastiku fil-konfront tal-konvenuti lil siehbu, certu Charlie maghruf Charlie GamGam fis-sens : '*The hungry fisherman are passing by*.' ;

Il-konvenut dak il-hin ma fehemux pero' waqt li kienu fuq il-bahar staqsa lil huh Michael xi kliem kien qal l-attur meta ghadda minn hdejhom u x'kellu jidhaq, u meta huh fissirlu x'ried ifisser l-attur, huwa imtela' bir-rabbja ghall-attur, u kif gew lura mill-bahar aktar tard fil-jum il-konvenut baqa' sejjer ifittex lill-attur biex jiehu s-soddisfazzjon tal-kliem li kien ghadda fil-konfront tieghu u ta' huh, u kif rah xejjirlu daqqtejn ta' ponn f'wiccu u battieh mal-art ;

Minn naha tieghu l-konvenut jittrincera ruhu bl-eccezzjoni li huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident billi dan kien ipprovokat mill-attur bi kliem xejn floku li ghadda fil-konfront tieghu u ta' huh Michael meta bejn il-partijiet ma kienx hemm dik il-kunfidenza li l-attur jghaddilhom kumment bhal dak li ghaddhielhom u jehduh b'cajta ;

Fil-verzjoni tieghu rakkontata minnu l-konvenut jikkonferma fis-sustanza l-incident li sehh u d-daqqtejn ta' ponn li hu ta lill-attur f'wiccu ;

Dan it-Tribunal m'ghandux il-ghaliex jindubita li d-dbengil, l-abrazjonijiet f'wiccu, l-inflammazzjoni fil-hanek u l-hsara fit-dentatura sofferti mill-attur kienu r-rizultat ta' perkossi u daqqiet ta' ponn subiti mill-istess attur f'wiccu ;

Gie stabbilit ukoll *in criminalibus* ir-responsabilita` penali tal-konvenut. Dan kif evidenzjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2010 (kopja nformali esebita a fol.31) dwar liema l-istess konvenut issokkomba. Kif bosta drabi gie ritenut fil-gurisprudenza '*si ritiene che il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua*

*canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penal*e.’ **[Kollez. Vol. XXV.i.689**] ;

Il-konvenut jakkampa d-difiza tal-provokazzjoni, l-istess pero’ ma tistax isservi biex teskolpa lill-konvenut jew biex titqies bhala xi attenwanti wisq aktar meta tenut kont tal-fatt li r-ritaljazzjoni minn naha  tal-konvenut grat  xi ghaxar sieghat wara li l-attur kien ghadda dan il-kumment lejhom ;

M’hemmx dubbju, u dan hareg car mill-provi li l-konvenut wera rizentiment lejn l-attur meta sar jaf bit-tifsira tal-kliem jew ahjar kumment li kien ghadda l-attur fil-konfront tieghu u ta’ huh, u kien ostilment inklinat. Certament li l-konvenut, li kien baqa’ jigma’ fih dawk is-sieghat kollha ghal dan il-kumment tal-attur sakemm wasal lura fuq l-art, kellu atteggjament aggressiv u dak li sehh jizvela proprju l-aggressjoni tieghu lejn l-attur, liema aggressjoni fic-cirkostanzi partikolari dan it-Tribunal iqisha bhala li kienet wahda *cold blooded*, u ghalhekk ingustifikata ;

F’ cirkostanzi bhal dawn, kif pacifikament akkolt, “lanqas jista’ l-konvenut jinvoka, b’menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew forsi aktar ezattament, il-*calor rixa*e. Hu, difatti, principju indubitat ta’ dritt penali, li ma hijiex affattu ammessa bhala attenwanti tar-responsabilita` dik li bi frazi skultorja ssejhet *“provocation provoked by the prisone*r” (ara Harris & Wilshere, Criminal Law, pag. 201). Hu anki principju iehor li r-reazzjoni, biex tigi ammessa l-iskuzanti tal-provokazzjoni, jehtieg li tkun proporzjonata [ara Appell Civili, **Francesco Gauci vs Salvatore Gauc**i, deciza 30 ta’ Novembru 1956 – Kollez. Vol. XL.i.376; Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Philip Musca**t, deciz fit-12 ta’ Marzu 1960] ;

Thares minn fejn thares lejh il-kwadru kollu tal-kaz isostni l-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni reklamati mill-attur ;

Provata l-kwistjoni tar-responsabilita` jifdal ghalhekk li tigi kunsidrata l-likwidazzjoni tad-danni, li mill-provi jirrizulta li huma biss danni emergenti. Danni konsistenti fi spejjez ta’

tobba, xiri ta’ nuccali, u xiri ta’ ngwenti. Il-konvenut ghalkemm qed jikkontesta dawn id-danni, dan it-Tribunal wara li sama’ lit-tabib u d-dentist u ezamina r-ricevuti, iqis li dawn l-ispejjez li saru mill-attur jidhru ragjonevoli. Ghalhekk il-Qorti ser taccetta l-ammont ta’ tmien mija u tliet Euro (€803), li l-attur jaskrivi ghalihom ;

A rigward pero’ l-pretensjoni tal-attur li jitlob ukoll l-ispejjez u d-drittijiet legali minghand il-konvenut li huwa hallas lill-avukat tieghu in konnessjoni mal-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti mill-Pulizija Ezekuttiva fil-konfront kemm tieghu stess kif ukoll tal-konvenut, dan it-Tribunal ma jqisx it-talba taghhom minghand il-konvenut bhala wahda gustifikata. L-ewwel nett mill-atti jirrizluta li l-attur ma segwiex il-procedura kontemplata taht l-artikolu 556 tal-Kap.12 dwar l-intaxxar ta’ drittijiet extra-gudizzjarji. Il-paragrafu 47(a) tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kap.12 jippermetti lill-Avukat u lill-klijent li jilhqu ftehim fuq dritt, jew il-bazi ta’ kif ghandu jigi stabbilit id-dritt ghas-servizzi professjonali tieghu li jkunu differenti minn dak stabbilit bil-ligi, haga li jidher li hekk sar f’dan il-kaz billi l-attur hallas dak li talbu l-avukat li ddefendih fil-proceduri kriminali. Madanakollu s-sub-paragrafu (b) jaghmilha cara li ‘Ebda haga li tinsab fis-sub-paragrafu (a) ta’ dan il-paragrafu m’ghandha tolqot l-intaxxar ta’ drittijiet bejn il-partijiet involuti f’atti jew procedimenti gudizzjarji jew dwar xoghol extra-gudizzjarju minn Avukati jew Prokuraturi Legali li jkollhom jithallsu mill-parti l-ohra, li ghandhom jigu regolati esklusivament skond il-paragrafi ta’ qabel ta’ din it-Tariffa’ (sottolinear tat-Tribunal). F’dan il-kaz l-attur ried jitlob li tinhariglu mir-registratur taxxa ufficjali ghax-xoghol extra-gudizzjarju tal-avukat li nkariga hu, u mbaghad kellu jipprocedi b’ittra ufficjali biex jirrendi l-istes taxxa esekuttiva; procedura li fil-kaz odjern baqghet ma saritx mill-attur ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta’ tmien mija u tliet Euro (€803), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-

ammont, bl-imghaxijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------